# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 4 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru: 150/2013 CSH**

**Kenneth Camilleri**

**vs**

**Joseph Mary u Rose Marie konjugi Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar is-17 ta' Mejju 2013 fejn talab lil din il-Qorti tiddikjara lill-intimati debituri tieghu fis-somma komplessiva ta' ghaxart elef u tmenin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€10,080.88) konsistenti, in kwantu ghas-somma ta' tmint elef, mija u sittax-il ewro (€8,116) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghal servizzi rezi mir-rikorrent ghal appalt ta' tibjid permezz ta' *liquid membrane* fil-blokka fejn jirrisjedu l-intimati gewwa Aaron Flats, Triq l-Izbark tat-Torok, Qajjenza, Birzebbugia, u in kwantu ghas-somma ta' elf, disa' mija u erbgha u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,964.88) taxxa fuq il-valur mizjud, oltre imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Konsegwentement, tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' ghaxart elef u tmenin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€10,080.88), oltre imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att.

Rat ir-risposta tal-intimati konjugi Vella li giet ipprezentata fit-28 ta' Gunju 2013 fejn eccepew is-segwenti:

1. *"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti stante illi kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz ix-xoghol kummissjonat mill-esponenti lill-attur ma sarx kif pattwit la skond is-sengha u l-arti u anqas bil-mod kif miftiehem qabel beda x-xoghol;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti mhux talli ma wettaqx dak li wieghed izda talli rreka danni sostanzjali lill-istess intimati kemm waqt li sar ix-xoghol b'mod traskurat, inkomplet, impreciz, inezatt u bl-addocc kif ukoll f'dak li rrizulta wara li ghaddiet l-ewwel xitwa minn tali xoghol.*

3. *Illi minkejja li nterpellat b'diversi modi r-rikorrenti baqa' ma resaqx sabiex isewwi n-nuqqasijiet u d-danni kkawzati lill-intimati u ghaldaqstant mhux talli mhux dovut ebda ammont iehor lill-istess rikorrenti mill-intimati izda sahansitra ghandu jigi ritornat kull ammont imhallas diga' u d-danni kollha li gew ikkawzati, ghalhekk qieghda ssir il-kontrotalba kontestwalment;*

*Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz."*

Rat il-kontro-talba tal-intimati Joseph Mary u martu Rose Marie konjugi Vella li giet ipprezentata fit-28 ta' Gunju 2013 fejn iddikjaraw:

1. *"Illi r-rikorrenti u l-intimati konjugi Vella ftehmu li l-istess rikorrenti kellu jwettaq xoghol ta' appalt ta' tibjid/zebgha professjonali b'zebgha specjali li r-*

*rikorrenti jinsisti li hadd m'ghandu bhalha u dan kellu jsir* skond *l-arti u s-sengha mal-faccatiet u l-opramorta tal-propjeta taghhom. Illi l-aktar raguni li kkonvinciet lill-intimati li jiftehemu mar-rikorrenti u jobbligaw ruhhom li jhallsu l-ammont fenominali li kkwotalhom kienet li weghedhom garanzija ghal hafna snin kif ser jigi spjegat waqt ix-xhieda;*

2. *Illi dan kellu jsir wara li jittiehdu l-mizuri kollha biex ma ssirx hsara u jsiru l-preparamenti necessarji sabiex ix-xoghol li se jsir ikun konducenti ghall-impermejabilita' tal-gebla;*

3. *Illi kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kontro talba u tal-kaz ix-xoghol sar bl-addocc, minghajr preparamenti mehtiega, malajr, mhux f'hinu u f'waqtu, mhux skond l-arti u s-sengha u mhux komplut.*

4. *Illi kif ghandu jirrizulta wkoll l-intimati sofrew danni sostanzjali irreparabbli tal-fuq minn 14,000 ewro fil-faccata fejn sar ix-xoghol, fl-aluminju li huwa nstallat u f'postijiet ohra kif kalkolat mill-*Perit Marvin Ellu. *Illi madanakollu ghall-fini ta' gurisdizzjoni huma lesti li jirriducu t-talbiet taghhom ghall-Ewro 11,391.88c;*

5. *Illi mhux talli ma sarx xoghol skond l-arti u s-sengha u skond kif miftiehem u mhux talli r-rikorrenti ma pprovdiex l-impermejabilita' fil-gebla kif wieghed lill-intimati izda talli matul din ix-xitwa li ghaddiet saritilhom hafna hsara minhabba l-ingress ta' ilma, umdita u hsara ohra relatata;*

6. *Illi kif diretti mill-perit tal-intimati l-uniku mezz kif tissewwa l-hsara huwa li jitqaxxar iz-zebgha kollha li saret, tigi trattata l-gebla mill-gdid u terga tigi mbajjda mill-gdid, jinbidel l-aluminju minhabba li ma jistax jitnaddaf u jsiru dawk ix-xogholijiet remedjali u preparatorji kollha necessarji;*

7. *Illi minkejja li r-rikorrenti kien interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni u ghall-hlas lura ta' kull ammont iehor huwa baqa' inadempjenti;*

8. *Illi l-intimati jirrizervaw id-dritt li jaghmlu x-xoghol kollu necessarju qabel terga' tidhol ix-xitwa biex jevitaw li jerga jsir aktar hsara;*

*Ghaldaqstant l-intimati bir-rispett jitolbu lil din il-Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li r-rikorrenti ma wettaqx ix-xoghol kollu kif pattwit, skond is-sengha u l-arti u li kkawza danni lill-intimati u tillikwida l-istess danni kollha sofferti mill-intimati u jekk ikun il-kaz billi tinnomina periti nominandi;*
2. *Tordna lir-rikorrenti jhallas lura lill-intimati kwalunkwe ammont li huwa thallas minnhom;*
3. *Tordna lir-rikorrenti jhallas lill-intimati d-danni kollha kif likwidati;*
4. *Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni bl-imghax kollu kalkolabbli skond il-ligi kif ukoll tal-ittra ufficjali mibghuta mill-intimati lir-rikorrenti fil-31 ta' Mejju 2013 jew b'mod iehor kif jidhrilha l-Qorti;"*

Rat ir-risposta tal-attur Kenneth Camilleri ghall-kontro-talba mressqa mill-intimati rikonvenzjonanti li giet ipprezentata fl-24 ta' Lulju 2013 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Li t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimati huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess intimati rikonvenzjonanti, stante li x-xoghol sar kollu skond l-arti u s-sengha u skond kif patwit bejn il-partijiet;*

2. *Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol sar fuq il-gebel u l-faccata fl-istat li kienu, u dan minkejja u kontra l-pariri li kien ta l-istess rikonvenzjonat."*

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2013 l-Qorti nnominat lill-Perit Mario Cassar bhala Perit Tekniku peress illi l-mertu huwa ta' natura teknika u ordnat li x-xhieda kollha relevant ghall-kaz tinstema direttament minnu.

L-espert Tekniku Perit Mario Cassar ipprezenta r-relazzjoni tieghu nhar l-24 ta' Awwissu 2015 u giet konfermata bil-gurament fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2015 fejn ir-relazzjoni giet immarkata Dok MC.

Illi minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li l-attur Kenneth Camilleri kien ipprezenta affidavit quddiem il-Perit Tekniu u dan fis-seduta mizmuma minnu fis-17 ta Marzu 2014 (fol. 58). Is-Sur Camilleri spjega li huwa jezercita l-kummerc taht l-isem Mr Lee u x-xoghol li jaghmel flimkien mal-impjegati tieghu jikkonsisti fit-tibjid, tikhil u xoghol ta' membrane u ilu jaghmel dan it-tip ta' xoghol ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena.

Dwar il-kaz inkwistjoni spjega li kien gie avvicinat minn l-intimat Joseph Vella sabiex jaghmel xi xoghol gewwa il-binja maghrufa bhala '*Aaron Flats'*, Triq l-Izbark tat-Torok, Qajjenza, B'Bugia u dan sabiex jaghmel xi xoghol ta' tibjid u tikhil fil-faccata u fix-shaft. Kien mar fuq il-post u kien ta stima lill-intimat tax-xoghlijiet li kienet tammonta ghas-somma ta' ghaxart elef, disa mija u sittax-il ewro (€10,916.00) apparti il-VAT konsistenti fis-somma ta' disat elef, hames mija u erba' u sittin ewro (€9,564) ghall-faccata u elf, tlett mija u tnejn u hamsin ewro (€1,352) ghax-xoghol li kien jirrikjedi s-shaft. Jghid li l-intimat kien qabel ma' din l-istima tant li tah is-somma ta' elfejn u tmein mitt ewro (€2,800) bhala depozitu. Fil-fatt ighid li dan kien l-uniku pagament li ircieva minghandu.

Spjega li l-binja kienet f'kantuniera u kellha zewg sulari u kien mistenni minnu li jkahhal fejn kien hemm bzonn u jbajjad permezz ta' *liquid membrane*. Il-faccata kienet gholja u ghalhekk kellha tinhadem permezz ta' *cherry picker* li naturalment kellu jikri. Ix-xoghol beda u spicca fix-xahar ta' Settembru 2012 u jghid li kien hemm erbgha haddiema involuti sabiex tlesta x-xoghol.

Qal li waqt li kien ghaddej ix-xoghol, l-intimat Joseph Vella dejjem kien ikun prezenti u kien jidher kuntent bix-xoghol li kien qed isir tant li anke diversi drabi kien fahharlu lill-impjegati. Qatt ma kien talbu sabiex jirranga xi parti mix-xoghol waqt li dan kien qed isir salv sakemm fl-ahhar meta x-xoghol spicca kien talbu sabiex jirtokkja xi zewg postijiet liema haga hija ordinarja fix-xoghol tieghu tant li qallu li ma kinitx problema u li kien sejjer biex jirtokkja u jnaddaf kif dejjem ghamel.

Jghid li kienu ftiehmu li qabel jaghmel dan ix-xoghol ta' irtokk kellu jghaddilu l-bilanc pendenti tax-xoghol pero' minkejja li kienu ftiehmu dwar dan l-intimat ma halsux. Qal li in segwitu bdew jiskabjaw telefonati u l-intimat qallu li ma kienx kuntent bix-xoghol li kien esegwixxa u li ghalhekk ma kienx ser ihalsu u fil-fatt anke talbu li jirrifondilu id-deposit li kien tah fis-somma ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2,800).

Dwar id-danni illi l-intimat sostna li sofra ighid li huwa dejjem kien dispost li jaghmel it-tindif necessarju sabiex it-titjir jitlaq basta pero' jithallas il-bilanc li kien dovut lilu pero' il-hlas ma sarx u ghalhekk huwa ma ghamel l-ebda xoghol iehor.

In kontro-ezami nhar l-24 ta' Marzu 2014 (fol. 65) jghid li bhala garanzija lill-intimat kien tah sentejn ghalkemm qallu li x-xoghol kien iservi sa ghaxar snin. B'garanzija ta' sentejn spjega li jekk l-intimat ikollu xi xoghol ta' tiswija qabel is-sentejn kien jaghmilhomlu *free of charge*. Spjega li wara li tlesta x-xoghol l-

intimat kien qallu li kien hemm zewg naqriet li kellhom bzonn irtokk u kienu ftiehmu data biex jghamilhom pero' ma waslux ghaliex ma thallasx. Jghid li l-intimat kellu problema bil-flus.

**Eman Ciantar** ukoll xehed permezz ta' affidivat u qal li huwa kien ilu jahdem mal-attur ghal aktar minn sentejn billi jaghmel xoghol ta' tikhil, kisi u tibjid. Qal li x-xoghol mertu tal-kawza beda f'Settembru 2012 meta huwa beda jahdem fuq il-faccata u jiftakar li kien mar l-ewwel darba jum is-sibt u kien sab l-*aluminium* gja mghotti mill-intimat bil-lizar. Jghid li mbaghad kien kesa l-art bil-kartun u kien beda jobrox iz-zebgha li kienet bdiet tinqala', beda ikahhal u jaghmel il-*liquid membrane*. Wara l-ewwel gurnata li kien ilu jahdem fuq il-faccata kien mar l-attur jiccekja l-andament tax-xoghol u kien irrimarkalu li kien miexi ftit bil-mod izda l-intimat kien qallu li kien qed jahdem tajjeb hafna u li kien qieghed idum ghaliex kien qieghed jobrox aktar minn dak miftiehem u li x-xoghol kien gej ahjar minhabba f'hekk.

Jiftakar ukoll li l-intimat kien talab li jsiru xi xoghlijiet addizzjonali fuq dawk miftiehma mal-attur inkluz id-dawra tal-garaxx, ic-cint tal-parapett u l-wicc tal-opramorta sabiex kollox jigi l-istess kulur. Huwa kien dejjem jiccekkja mal-attur izda dejjem qallu biex jaccetta u fil-fatt ix-xoghol kien sar bhala parti mill-prezz miftiehem.

Qal li l-intimat kien jaghmel minn filghodu sa filghaxija fuq il-lant tax-xoghol waqt li huma kienu ikunu qedin jahdmu u kien jitlaq biss biex imur jigbor it-tfal mill-iskola. Kien dejjem ifahhar ix-xoghol li kienu jghamlu u kuljum kien joffrilhom x'jixorbu. Qatt ma ilmeta mieghu fuq xi xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti jew fuq it-titjir li kienu hallew. Fil-fatt meta spicca x-xoghol ma irrimarkalu xejn anzi irringrazzjah u qallu prosit ta' dak li kien ghamel.

Mistoqsi in kontro-ezami nhar l-24 ta Marzu 2014 jekk kienx prezenti meta l-kontendenti ftehmu fuq ix-xoghol li kellu isir jghid li le u lanqas dwar il-kwistjoni tal-garanzija ma kien prezenti.

**Il-Perit Marvin Ellul** xehed nhar it-22 ta' Mejju 2014 u spjega li huwa kien gie inkarigat mill-intimat sabiex jirraporta dwar ix-xoghol li kien sar fil-faccata ta' blokk appartamenti appuntu fuq iz-zebgha tal-faccata, l-opramorta, l-*washroom*, is-shaft u l-appogg ta' wara u sabiex ighid jekk ix-xoghol kienx sar skond is-sengha u l-arti. Huwa pprezenta zewg rapport li gew immarkati Dok ME1 u Dok ME2 u kien pprezenta wkoll rapport tieghu datat qabel dawn it-tnejn. Qal li dak li kkonstata kien kollu inkluz fl-ewwel u fit-tieni rapport tieghu, li huma t-tnejn datati qabel iz-zewg rapporti mmarkati Dok ME1 u Dok ME2. Jghid li huwa kien mar xi hames darbiet fuq il-post. Fi-tielet rapport Dok ME1 jghid li anke stima kien ghamel bir-rati kurrenti.

Jghid li bilfors li kien hemm penetrazzjoni ta' ilma mill-faccata ghaliex fil kmamar fejn kien hemm umdita ma kienx hemm aperturi. Fil-fatt ikkonkluda li ix-xoghol riparatorju li kellu isir kellu valur ta' € 3,084.12 (Dok a fol. 72). Jghid li wara certu zmien kien ghamel rapport iehor li gie mmarkat bhala Dok ME 3 li fih hemm indikat xi difetti u/jew hsarat li ma kienux imnizzla fir- rapport antecidenti tieghu. Dawn id-difetti jinsabu deskritti fir-rapport a fol. 84 tal-atti.

L-intimat **Joseph Vella** xehed nhar l-20 ta' Ottubru 2014 u qal li l-haddiema kienu marru fuq il-post fil-5 ta' Settembru 2012 peress li lejliet kien hemm il-maltemp. Kienu marru filghodu u bagqhu jahdmu sas-2.30pm. Qal li huwa ma kienx ikun hemm il-hin kollu ghax kien ikun xoghol ghalkemmm kien ikun hemm hinijiet meta kien ikun hemm. Qal li kien ra l-haddiem jobrox u jizboh u anke offrielu x' jixrob. Qal li pero' meta rah jobrox l-appogg ta' wara kien qallu li ma kienx kuntent ghaliex l-ewwel kahhal u wara immedjatament beda jizbogh bir-roller. Jghid li meta attiralu l-attenzjoni li x-xoghol ma kienx tajjeb dan

wiegbu li kien hemm il-garanzija u ghalhekk fil-kaz l-imghallem jerga jibghatu fuq il- post. Jghid li jum il-Gimgha, l-attur mar jigbor il-haddiema u kien urih li ma kienx kuntent b'dak li kien sar u dan qallu li kien ser itih appuntament u jerga' imur pero' baqghu li ma ltaqghux. Ikkonferma li l-attur kien tah garanzija ta' ghaxar snin.

Nhar l-1 ta' Dicembru l-konvenut kompla jixhed quddiem il-Perit Tekniku u ddikjara li qabel ma beda x-xogholijiet l-attur, il-faccata kellha kulur ahdar. Il-griz qieghed taht il-kulur li ghamel hu, jigifieri kulur vjola.

L-espert Tekniku ha ritratti ta' zebgha mqaxxra li pprezentalu l-konvenut.

Illi minn ezami tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku jirrizulta li l-perit ghamel xi osservazzjonijiet li huma importanti sabiex din il-Qorti tifhem l-mertu tal-kawza.

Irrimarka li dan huwa kaz tipiku fejn jinqala' dizgwid meta l-partijiet ma jiffirmawx ftehim bil-miktub dar is-segwenti:-

*a. "L-iskop tax-xoghol.*

*b. Specifikazzjonijiet li tinkludi kif ghandu jsir ix-xoghol, it-tip u l-kwalita' tal-materjal, kemm il-passata ta' zebgha u f'kemm zmien ix-xoghol ghandu jitlesta.*

*c. Ir-rati li bihom jitkejlu x-xoghljiet. Dawn ghandhom ikunu kumpatibbli max-xoghlijiet patwiti u specifikazzjonijiet.*

*d. Il-Health and Safety precautions kemm ghall-haddiema u ghal terzi.*

*e. Third party liability insurance policy.*

*f. Stima bejn wiehed u iehor tax-xoghlijiet.*

Jinghad skond il-Perit Tekniku *"li ma ittiehdux prekawzjonijiet adegwati sabiex jigu salvagwardati l-aperturi tal-aluminium, bir-rizultat illi dawn gew imcapsin.*

*Dawn kellhom jigu mmaskjati adegwatament. L-istess jinghad ghall-elementi ohra bhal letter boxes u tegole tac-caqquf, illi l-esponent huwa tal-fehma illi ser ikun iqumu l-flus biex il-konvenut inaddafhom."*

Jghid ukoll li *"meta l-attur kellu il-kompitu illi japplika l-liquid membrane mal-faccata, dan kien appuntu sabiex ma jidholx ilma tax- xita mill-istess faccata. Fil-fatt fir-rapport tal-Perit Marvin Ellul jidher car li kien hemm ingress ta' ilma f'diversi kmamar."*

Jirrimarka ukoll li *"il-preparazzjoni ghaz-zebgha ma saritx skond is-sengha u l-arti u dan minn kif osserva l-konvenut fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2014. Preparazjoni adegwata kellha tinkludi ftuh ta' fili (fejn ikun il-kaz), jithallew jinxfu, jigu xkatlati, tinghata stabilizer coat, zewg passati zebgha, u l-liquid membrane. Milli fehem l-esponent ix-xoghol mill-attur ma sarx hekk.*"

Illi l-Perit Tekniku ikkonkluda s-segwenti:

a. Li parti mix-xoghlijiet ta' tikhil u tibjid fil-faccata u l-liquid membrane fil-faccata u fix-xaft ma sarux skond is-sengha u l-arti. Minkejja li ma kienx hemm ftehim bil-miktub xorta wahda ix-xoghlijiet kellhom isiru skond is-sengha u l-arti.
b. Illi s-somma li qed tigi mitluba mill-attur hija ezagerata kemm f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kwalita' u kemm mal-kwantita' tax-xoghol.
c. Il-garanzija moghtija mil-attur hija dahqa fil-wicc u meta din tinghata, jekk wiehed ikun serju, din ghandha tkun cara u mhux tintuza bhala reklam fierah.
d. Hija l-opinjoni tieghu illi meta huwa ikkonsidra il-Bill of Quantities illi pprezenta il-Perit Ellul (Dok ME 1) datat 2 ta' Mejju 2014, il-valur kurrenti ghal xoghlijiet simili li jsiru skond is-sengha u l-arti meta kkonsidra il-kwantita' u tip tax-xoghol ghandu jkun ta' €5,043 (jinkludi il-VAT). Ix-xoghol li gie esegwit jammonta ghal €4,200.

e. Illi fil-fehma tal-espert tekniku l-intimati sofrew danni fl-ammont li ma jeccedix is-somma ta' elf ewro (€1,000).

Rat illi l-Perit Tekniku Mario Cassar gie eskuss nhar is-17 ta' Frar 2016 fejn mistoqsi jekk huwa kkunsidrax il-kontro-talba fit-twegibiet li ta fir-risposta in eskussjoni, wiegeb fil-pozittiv u zied li huwa ma baqax biss fuq it-talba. Zied jghid li kemm fir-rapport tieghu kif ukoll fid-domandi addizzjonali li sarulu in eskussjoni, ikkonkluda l-ammont li l-konvenut kellu jaghti lill-attur in segwitu tat-talba attrici, wara li ha in konsiderazzjoni l-fatturi kollha, inkluz fl-ewwel lok il-prezz gia miftihem bejn il-partijiet, il-kwalita' tax-xoghol li sar insegwitu u l-allegati hsarat reklamati mill-attur u d-danni sofferti mill-konvenut. Ghalhekk spjega li mal-ammont mitlub originarjament cioe' dak ta' tmint elef u tmenin Ewro w tmienja w tmenin centezmu (€8,080.88), wasal ghal somma verjuri w ridotta skond kif indikat fir-rapport tieghu, cioe' li llum-il gurnata effettivament il-konvenut ghandu jaghti somma ta' erbat elef u mitejn Ewro (€4,200) u ghalhekk fil-fehma tieghu l-ammont dovut ta' erbat elef circa huwa l-ammont li ghandu jinghata mill-konvenut lill-attur. Iddikjara li huwa minnu li huwa llikwida d-danni li sofra l-konvenut fis-somma ta' elf Ewro (€1,000).

Il-Perit qal li kien fl-interess tal-konvenut li jkun prezenti waqt li jsir ix-xoghol u mhux jistenna sakemm jitwahhal l-aluminium kollu. Qal ukoll li jekk ma sarx *masking tape* mal-aluminium, jistghu jitnaddfu dawk il-postijiet fejn gew mimsusa w l-aluminium ma jkollux ghalfejn jinbidel kollu. Ghalkemm qal li bicciet minnu jista' jitnaddaf pero'partijiet ohra le.

**Ikkunsidrat:**

Jinghad ukoll kif imsemmi fil-konkluzjoni tal-Perit Tekniku li l-attur ipprova iqarraq bil-konvenut fir-rigward tal-garanzija li allegatament wieghed lill-konvenut peress li kien jaf li tali garanzija ma hix fattibli. Il-konvenuti naqsu li

iresqu prova tad-danni li huma sofrew allegatament ta' aktar minn erbatax-il elf ewro. Jigi osservat li ma gew provduti l-ebda kwotazzjonijeit ta' kuntratturi jew *mano d'opera* fejn gew identifikati u kwantifikati xi danni u ghalhekk l-ammont likwidat mill-Perit Tekniku kien wiehed *arbitrio buoni viri*.

Din il-Qorti tghid li l-konsiderazzjonijiet u l-fuq imsemmija konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' Espert Tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"** irriteniet li:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kinitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet sfavorevoli ghall-attur, dan ghazel li ma

jressaqx talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u minkejja li llimita ruhu li jeskuti lill-perit tekniku dan baqa' ma ressaq l-ebda sottomissjonijiet bil-miktub minkejja li din il-Qorti kienet laqghat it-talba tieghu u kien akkordatlu zmien sbeix jaghmel dan.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza "**<u>Grech et vs Grech et</u>" –** din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet –

*Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq,sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967)."

*"Ir-rigett minn Qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha* (u cioe` ta` loti) *trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* ("**<u>Grima vs Mamo et noe</u>" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

*"Ghalhekk 'in fin' `dei conti` qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**<u>Cauchi vs Mercieca</u>" –** Qorti tal-Appell – 6

ta' Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001)."

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku acceda fl-ambjenti fejn saru x-xogholijiet mill-attur u kkonstata l-istess xogholijiet. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu, uhud minnhom huma ukoll rapportati aktar 'l fuq. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali. Specjalment minhabba l-fatt li l-partijiet ma resqu l-ebda prova kuntrarja ghal dak li kkonkluda il-perit tekniku nominat minnha.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista":**

"*ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu."*

**Illi konsegwentement din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenuti ihalsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata mill-Espert Tekniku fl-ammont ta' hamest elef u tlieta u erbghin ewro**

**[€5043] (inkluz il-VAT) b'dan illi qed tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in parte. Qieghda wkoll tilqa' it-talba kontenuta fil-kontro-talba tal-konvenuti fejn qed tiddikjara li l-konvenuti sofrew danni minhabba li x-xoghol esegwit mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti u qed tillikwida ai fini ta' tali talba is-somma ta' elf ewro €1,000 kif likwidata mill-Espert Tekniku u b'hekk qed tichad l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti.**

**B'hekk in konkluzjni il-Qorti tiddikjara li effettivament illum il-gurnata l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef u tlieta u erbghin ewro [€4,043] (l-ammont ta' €5,043, cioe' l-ammont li ghadu pendenti lill-attur mill-konvenuti nieqes l-ammont ta' €1,000 li jirrapprezenta l-ammont tad-danni sofferti mill-konvenut).**

**L-ispejjez tal-kawza jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**